

RURAL PACT

# Biex il-Patt Rurali jsir realtà fl-Istati Membri

**Dokument ta' Sintesi** *Novembru 2023*

## Werrej


1. Introduzzjoni ______ 1
2. Għaliex huwa meħtieġ il-Patt Rurali? ______ 2
3. L-ingredjenti tal-Patt Rurali ______ 3
   - 3.1. L-istrutturi u l-mekkaniżmi għall-involviment tal-komunitajiet rurali ______ 3
   - 3.2. Il-ħatra ta' membru tal-gvern u servizzi ddedikati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet rurali fil-politiki kollha ______ 4
   - 3.3. Il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ għan-networking għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati ______ 4
   - 3.4. Viżjoni li tħares 'il quddiem implimentata permezz ta' strateġija/pjan ta' azzjoni olistiku ______ 5
   - 3.5. Verifika rurali effettiva u sistemi adegwati ta' data ______ 5
   - 3.6. Sistemi ta' governanza xierqa biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni ______ 6
   - 3.7. Mekkaniżmi biex tiġi kkoordinata l-allokazzjoni tal-finanzjament u jiġu żgurati s-sinerġiji ______ 6



*L-informazzjoni u l-opinjonijiet ippreżentati f'din il-pubblikazzjoni huma tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma tiggarantixxi l-preċiżjoni tal-ebda* data *inkluża, u lanqas ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.*


## 1. Introduzzjoni

Dan id-dokument ta' sintesi jiddeskrivi l-elementi ewlenin, jew l-ingredjenti, meħtieġa biex il-partijiet ikkonċernati jiġu mmobilizzati madwar il-Patt Rurali u biex titrawwem azzjoni kkordinata biex jintlaħqu l-objettivi tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE fil-kuntest speċifiku ta' kull Stat Membru jew reġjun. Jippreżenta wkoll xi eżempji ta' kif dawn l-elementi jiġu implimentati fil-prattika. Din il-pubblikazzjoni hija maħsuba primarjament għall-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali (u fil-livell reġjonali fl-Istati Membri fejn l-awtoritajiet reġjonali għandhom setgħat leġiżlattivi jew ta' programmazzjoni), għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (speċjalment dawk involuti fit-tfassil tal-politika jew fil-promozzjoni), għar-riċerkaturi, għall-organizzazzjonijiet tan-negozju u għal partijiet ikkonċernati oħra b'interess fil-politiki rurali.



**Jekk għandek kurżità dwar kif il-Patt Rurali qiegħed isir realtà f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek, din il-briefing hija għalik!**




Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

## 2. Għaliex huwa meħtieġ il-Patt Rurali?

Kif enfasizzat il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen, iż-żoni rurali huma **essenzjali** għall-identità u l-benesseri tal-Ewropa. Għandhom ukoll rwol importanti fl-indirizzar ta' **sfidi** soċjali u ambjentali ewlenin. Biex iż-żoni rurali jistagħnew, huwa meħtieġ **sforz ikkoordinat** minn firxa wiesgħa ta' atturi u partijiet ikkonċernati f'livelli ta' governanza differenti.

Fl-2021, wara riflessjoni konġunta estensiva u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat komunikazzjoni dwar il-**viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE** (LTVRA). Ġie żviluppat **pjan ta' azzjoni rurali** biex issir realtà din il-viżjoni artikolata madwar disa' inizjattivi ewlenin, 15-il azzjoni ta' akkumpanjament u sitt azzjonijiet orizzontali, li jirriflettu l-impenn tal-Kummissjoni favur żoni rurali aktar b'saħħithom, aktar reżiljenti, aktar konnessi u prosperużi sal-2040. Waħda minn dawn l-azzjonijiet orizzontali hija li jiġi propost **Patt Rurali** — mekkaniżmu li jinvolvi u jħeġġeġ azzjoni mill-partijiet ikkonċernati u mil-livelli ta' governanza rilevanti kollha li jistgħu jgħinu biex tinkiseb il-viżjoni fit-tul.

### L-Objettivi tal-Patt Rurali



L-amplifikazzjoni tal-vuċi taż-żoni rurali u ż-żieda fil-prijorità tagħhom fl-aġendi tal-politika



Networking, kollaborazzjoni u tagħlim reċiproku



Impenji biex tittieħed azzjoni

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Patt Rurali, magħmul minn partijiet ikkonċernati rurali ewlenin, biex jiggwida l-proċess tal-Patt Rurali matul it-tliet snin li ġejjin, ikkoordinat mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana bħala komexxej. Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll l-Uffiċċju ta' appoġġ għall-Patt Rurali biex jagħti ħajja lill-Patt u jgħin lill-komunità tilħaq l-objettivi tagħha bl-implimentazzjoni ta' kompiti ewlenin. Dawn jinkludu l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, il-ġbir u t-tixrid ta' prattiki tajbin, il-koordinazzjoni tal-isforzi ma' networks ta' politika oħra tal-UE, l-appoġġ għall-pjattaforma tal-komunità tal-Patt Rurali, il-produzzjoni tar-rivista Rural Vision, ta' bullettin u ta' dokumenti ta' sintesi, u l-ġestjoni tas-sit web u tal-mezzi tal-media soċjali. L-attivitajiet fil-livell tal-UE kollha jitfasslu u jitwettqu bl-involviment qawwi tal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, biex jinkisbu r-riżultati, il-**Patt Rurali jeħtieġ li jinxtered lil hinn mil-livell tal-UE u li jilħaq lill-partijiet ikkonċernati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali**. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali huma responsabbli għal ħafna azzjonijiet ta' politika li jħallu impatt fuq iż-żoni rurali, inklużi għażliet dwar kif jintużaw il-fondi tal-UE. Partijiet ikkonċernati oħra, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandhom rwoli importanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki. Il-viżjoni fit-tul tista' tinkiseb biss bil-parteċipazzjoni u bl-involviment attiv tagħhom.

Barra minn hekk, il-benesseri u l-għajxien fiż-żoni rurali — b'mod partikolari dawk b'restrizzjonijiet speċifiċi bħal reġjuni muntanjużi, gżejjer jew reġjuni transfruntieri — ma jiddependux biss fuq l-atturi tipikament assoċjati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. L-awtoritajiet pubbliċi (eż. dawk responsabbli għall-edukazzjoni, is-saħħa, it-trasport u servizzi oħra, l-enerġija, l-ambjent jew l-infrastruttura diġitali), l-atturi tal-politika urbana, in-negozji u r-riċerkaturi wkoll għandhom rwol x'jaqdu.

Skont il-ħtiġijiet u l-kulturi organizzattivi madwar l-UE, hemm tentattivi biex jiġu stabbiliti patti rurali f'diversi livelli (nazzjonali, reġjonali, lokali) u f'diversi forom. Huwa importanti li **l-ebda żona rurali fl-UE ma titħalla taqa' lura** u li kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-isforz koordinat biex isiru aktar b'saħħithom, aktar reżiljenti, aktar konnessi u prosperużi. Għal dan il-għan, il-partijiet ikkonċernati interessati fiż-żoni rurali tal-UE għandhom jissieħbu fil-Komunità tal-Patt Rurali fil-livell tal-UE, kif ukoll jieħdu passi prattiċi fil-qasam tal-attività tagħhom stess, u jifttxu wkoll l-aħjar modi kif **isarrfu l-Patt Rurali f'azzjoni fil-kuntesti nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom**. Tali attivitajiet f'livelli differenti se jappoġġaw lil xulxin u jgħinu biex il-viżjoni fit-tul tinbidel fi strateġija konkreta b'eżiti prattiċi, kif mitlub mill-partijiet ikkonċernati fil-Forum ta' Livell Għoli dwar il-Politika Rurali li sar f'Sigüenza (Spanja).



Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
RURAL PACT

# 3. L-ingredjenti tal-Patt Rurali

Ħafna qabel ma ġiet żviluppata l-LTVRA, xi Stati Membri tal-UE (eż. il-Finlandja) kellhom strutturi ta' governanza fis-seħħ li jippermettu politiki rurali kkoordinati u komprensivi f'diversi oqsma tematiċi, simili għal dak li huwa promoss mill-Patt Rurali; xi pajjiżi oħra bdew jimplimentaw inizjattivi simili aktar reċentement, ispirati minn xejriet negattivi bħad-depopolazzjoni rurali, it-tnaqqis ekonomiku u l-iskuntentizza, jew biex jaħtfu l-opportunitajiet maħluqa mill-finanzjament Ewropew (pereżempju, Spanja u ċ-Ċekja). Abbażi tal-esperjenza tagħhom, u tal-proċess tal-LTVRA fil-livell tal-UE, hemm għadd ta' **elementi li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Patt Rurali** fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Dawn l-elementi jikkumplimentaw il-11-il Prinċipju tal-OECD dwar il-Politika Rurali u jinkludu:

- L-istrutturi u l-mekkaniżmi għall-involviment tal-komunitajiet rurali;
- Il-ħatra ta' membru tal-gvern u servizzi ddedikati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet rurali fil-politiki kollha;

- Il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ għan-networking għal firxa wiesgħa ta' atturi u partijiet ikkonċernati;

- Viżjoni li tħares 'il quddiem, implimentata permezz ta' strateġija olistika/pjan ta' azzjoni olistiku;
- Verifika rurali effettiva u sistemi adegwati ta' *data*;
- Sistemi ta' governanza xierqa biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni; u
- Mekkaniżmi biex tiġi kkoordinata l-allokazzjoni tal-finanzjament u jiġu żgurati s-sinerġiji.

Flimkien, dawn jiffurmaw l-ingredjenti ta' Patt Rurali ta' suċċess. Is-**soluzzjonijiet individwali jistgħu jiġu adattati** għall-kuntest nazzjonali, inklużi oqfsa legali u amministrattivi speċifiċi, is-sorsi ta' finanzjament, il-kultura organizzazzjonali u l-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati.

## 3.1. L-istrutturi u l-mekkaniżmi għall-involviment tal-komunitajiet rurali

Il-bidla rurali ma tistax tinkiseb mingħajr l-involviment qawwi tal-komunitajiet rurali. Il-politiki mfassla u implimentati b'mod parteċipattiv huma magħrufa li għandhom ċans ħafna akbar li jirnexxu mill-approċċi minn fuq għal isfel. Dan huwa partikolarment minnu għaż-żoni rurali. Tali involviment irid imur lil hinn mill-konsultazzjonijiet okkażjonali: għandu jkun **regolari, sistematiku, u jiżgura l-parteċipazzjoni rappreżentattiva** tal-partijiet ikkonċernati l-aktar involuti. Huwa importanti wkoll li dawn il-partijiet ikkonċernati jiġu involuti matul il-**proċess kollu tal-politika**, mit-tnissil tal-kunċett u t-tfassil tal-politika sal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riżultati.

Għal dan, huma meħtieġa mekkaniżmi speċifiċi, adattati għall-kapaċitajiet u għad-disponibbiltà tar-rappreżentanti tal-komunitajiet rurali, kif ukoll attivitajiet li jrawmu diskussjoni miftuħa (eż. dibattiti u workshops). Hemm varjetà ta' formati possibbli: pereżempju, strutturi relattivament formali bħal gruppi ta' ħidma jew kumitati ta' koordinazzjoni li jinvolvu tipi differenti ta' atturi (eż. il-Kunsill tal-Politika Rurali fil-**Finlandja**); jew avvenimenti biex jgħinu jifformulaw u jagħtu leħen lill-ħtiġijiet tal-komunitajiet rurali, kif ukoll għas-sensibilizzazzjoni u biex jiżdied l-apprezzament taż-żoni rurali fost il-pubbliku ġenerali. In-networks eżistenti b'rabtiet diretti mal-komunitajiet rurali jista' jkollhom rwol importanti. Dan jista' jseħħ, pereżempju, fil-qafas tal-**parlamenti rurali nazzjonali**, li jippermettu lill-komunitajiet rurali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistabbilixxu djalogu ma' dawk li jfasslu l-politika (ara l-eżempju mil-**Latvja**). Dawn il-parlamenti rurali ġew organizzati f'ħafna Stati Membri tal-UE (eż. l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja) kif ukoll fil-pajjiżi ġirien (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina); Il-konklużjonijiet tagħhom jitressqu fil-laqgħat biennali tal-Parlament Rurali Ewropew.

### Il-parlament rurali fil-Latvja



Il-Forum Rurali Latvjan (organizzazzjoni nazzjonali li tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati ewlenin tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp rurali) jorganizza l-Parlament tal-Komunitajiet Rurali tal-Latvja kull sentejn. Fl-2023 dan l-avveniment laqqa' flimkien madwar 300 rappreżentant tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, negozji, ta' dawk li jfasslu l-politika (inklużi l-ministeri għall-agrikoltura, għall-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp reġjonali, u għall-benesseri), akkademiċi, professjonisti u dilettanti tal-iżvilupp rurali. Il-parteċipanti qasmu l-esperjenzi tagħhom u ġiet żviluppata riżoluzzjoni biex isservi bħala pjan direzzjonali għad-deċiżjonijiet kollha dwar iż-żoni rurali għas-sentejn li ġejjin.

Għal aktar informazzjoni ara hawn.



*© Lidija Pavić-Rogošić*

> *"Wasal iż-żmien li l-Viżjoni fit-Tul għal Ewropa Rurali mhux biss tiġi adottata, iżda tiġi implimentata. Għal dan jeħtieġ li nibdlu fehmietna, li jkollna aktar apprezzament għaż-żoni rurali, kif ukoll **approċċi bbażati fuq il-post u aktar fiduċja fin-nies lokali.** Għandna mmorru lil hinn minn silos ta' politika u nħarsu lejn iż-żoni rurali b'mod komprensiv."*
>
> *Lidija Pavić-Rogošić, membru tal-KESE, ODRAZ — Żvilupp Sostenibbli tal-Komunità (HR)*

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

RURAL PACT

## 3.2. Il-ħatra ta' membru tal-gvern u servizzi ddedikati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet rurali fil-politiki kollha

L-iżvilupp rurali tipikament jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' ministeru tal-gvern; spiss dan jittratta wkoll l-agrikoltura, il-forestrija u/jew l-ekonomija tal-ikel. Madankollu, id-deċiżjonijiet li jieħdu l-korpi inkarigati mill-iżvilupp ekonomiku u reġjonali, mill-edukazzjoni, mis-saħħa u mit-trasport jista' jkollhom impatt tal-istess daqs jekk mhux akbar fuq il-ħajja rurali. Sabiex jiġi żgurat li dawn is-servizzi kollha jikkooperaw biex jinkiseb impatt pożittiv fuq iż-żoni rurali, hija meħtieġa tmexxija b'saħħitha, u huwa essenzjali li **jinħatar membru tal-gvern li jkun responsabbli għall-kwistjonijiet rurali** biex in-nies rurali jħossuhom li qed jinstemgħu. L-istabbiliment ta' servizz speċjali biex jindirizza kwistjonijiet rurali jista' jgħin ukoll fis-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza taż-żoni rurali fost il-korpi governattivi rilevanti u biex tiġi ffaċilitata azzjoni koordinata. Wieħed jista' jsib soluzzjonijiet ta' ispirazzjoni fl-eżempji mill-**Irlanda** u mill-**Finlandja.**

### Il-Kunsill tal-Politika Rurali tal-Finlandja

Il-Finlandja ilha tirrikonoxxi li l-politika rurali trid tinvolvi lill-istituzzjonijiet kollha li d-deċiżjonijiet tagħhom jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum u l-intraprenditorija fiż-żoni rurali. B'dan il-ħsieb, ġiet żviluppata struttura biex tlaqqagħhom flimkien u tiġi żgurata l-kollaborazzjoni: il-Kunsill Finlandiż tal-Politika Rurali. Dan huwa assoċjat mal-gvern Finlandiż, mal-Ministru għall-Agrikoltura u mal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi li tipikament jaqsmu l-funzjonijiet ta' President u Viċi President. L-34 membru jinħatru mill-gvern u jirrappreżentaw ministeri, aġenziji, is-settur privat u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn huma appoġġati minn segretarjat ġestit mis-segretarju ġenerali, bi tliet viċi segretarji ġenerali li jirrappreżentaw lis-settur pubbliku, lis-soċjetà ċivili u lill-korpi tar-riċerka. Il-biċċa l-kbira tal-ħidma tal-kunsill titwettaq f'networks tematiċi.

Għal aktar informazzjoni ara hawn.

### "Our Rural Future" (Il-Futur Rurali Tagħna) fl-Irlanda

Il-politika komprensiva tal-Irlanda għaż-żoni rurali hija sostnuta mill-istrateġija nazzjonali ta' żvilupp fit-tul Project Ireland 2040 u bbażata fuq il-viżjoni ta' Irlanda rurali b'saħħitha li hija integrali għall-benesseri u l-iżvilupp ekonomiku, soċjali, kulturali u ambjentali nazzjonali.

Sabiex jinkiseb dan, tfassal sett komprensiv ta' miżuri ta' politika, kull wieħed b'dipartiment tal-gvern speċifiku responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-proċess huwa kkoordinat mid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali u Komunitarju u mmexxi mill-ministru tiegħu, filwaqt li l-progress huwa mmonitorjat mill-Kumitat tal-Kabinett dwar l-Irkupru Ekonomiku u l-Investiment immexxi mill-Prim ministru.

Għal aktar informazzjoni ara hawn.

Servizz iddedikat bħal dan jista' jaġixxi wkoll bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għall-partijiet ikkonċernati biex jaqsmu l-ideat jew jesprimu tħassib dwar kwistjonijiet rurali. Idealment, il-persunal għandu jikkonsisti minn persuni li jifhmu u jikkomunikaw tajjeb ma' diversi partijiet ikkonċernati rurali u ma' dipartimenti amministrattivi differenti u b'esperjenza ta' setturi oħra fl-ekonomija jew fis-soċjetà ċivili.


© Radim Sršeň

*"Meta wieħed jara l-ġeografija tal-iskuntentizza, jeħtieġ li nieqfu nparlaw u nibdew nieħdu azzjoni! Il-Patt Rurali u inizjattivi bħall-verifika rurali jeħtieġ li jsiru realtà **mhux biss fil-livell tal-UE iżda wkoll fil-livell tal-Istati Membri, fil-livell reġjonali u fil-livell lokali**. Huwa meħtieġ approċċ olistiku, b'inqas burokrazija.*

*Radim Sršeň, Viċi Ministru għall-Affarijiet Reġjonali (CZ)*

## 3.3. Il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ għan-networking għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati

Il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rurali hija essenzjali biex tinkiseb il-bidla rurali. Iżda, biex jieħdu sehem fil-Patt Rurali, ħafna jistgħu jeħtieġu appoġġ minn organizzazzjonijiet intermedjarji. Dawn jistgħu jipprovdu spjegazzjonijiet, inkoraġġiment u opportunitajiet għal diskussjoni, kif ukoll jippermettu lin-nies jiskambjaw l-esperjenzi u jfasslu opinjonijiet u pożizzjonijiet. Dan it-tip ta' appoġġ jista' jkun partikolarment importanti għall-abitanti ta' villaġġi remoti żgħar, il-bdiewa fuq skala żgħira, il-mikrointraprendituri, in-nisa u r-rappreżentanti taż-żgħażagħ. Mill-bini tal-fiduċja u l-ispjegazzjoni ta' kunċetti ewlenin f'lingwaġġ sempliċi, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ immirat, jista' jkun meħtieġ **sforz sistematiku fit-tul** biex jiġu involuti dawn il-"persuni mhux tas-soltu". L-għoti ta' baġit li jkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar għal-laqgħat jista' jkun kruċjali, speċjalment fi Stati Membri akbar (bħall-**Iżvezja**, ara l-eżempju). Lil hinn mill-appoġġ għan-networking u l-parteċipazzjoni, huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-atturi rurali jkunu jistgħu jaċċessaw il-finanzjament u jimplimentaw proġetti li jikkontribwixxu għal-LTVRA fil-livell lokali. Il-punti uniċi ta' servizz jistgħu jsaħħu u jagħtu ħajja ġdida lill-komunitajiet rurali permezz ta' animazzjoni, pariri, networking u jgħinu biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-finanzjament. Dan l-appoġġ diġà huwa pprovdut minn ħafna gruppi ta' azzjoni lokali (GAL) LEADER, iżda jista' jiġi wkoll minn servizzi speċjalizzati (bħal fl-eżempju tal-**Istati Uniti**).

### L-involviment u l-bini tal-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati rurali fl-Iżvezja

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati fi kwistjonijiet rurali fl-Iżvezja huwa ffaċilitat min-Network Rurali Nazzjonali (NRN). Il-partijiet ikkonċernati rurali nazzjonali u reġjonali (kemm jekk jimplimentaw il-politika agrikola komuni kif ukoll jekk le) huma mħeġġa japplikaw għal sħubija formali u jimpenjaw ruħhom li jipparteċipaw b'mod attiv fi gruppi ta' ħidma tematiċi, u jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji li jgħinu fit-trasferiment tad-djalogu dwar il-politika lejn il-livell lokali. Sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-atturi tas-soċjetà ċivili, l-NRN għandu finanzjament għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, u anke għat-tariffi (għall-voluntiera).

Għal aktar informazzjoni ara hawn.

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
RURAL PACT

### Ngħinu lill-komunitajiet rurali jaċċessaw l-informazzjoni u l-finanzjament



Fl-Istati Uniti, l-aġenziji federali u l-kummissjonijiet responsabbli għall-kwistjonijiet rurali jingħaqdu biex jiżguraw li l-komunitajiet rurali jkollhom aċċess ekwu għall-finanzjament federali. Barra minn hekk jipprovdu għarfien espert biex jgħinu lil dawn il-komunitajiet jiċċaraw il-prijoritajiet lokali u japplikaw għall-finanzjament għall-ħolqien tal-impjiegi, għall-infrastruttura u għat-titjib tal-komunità.

Għal aktar informazzjoni ara hawn.

Għas-sensibilizzazzjoni tal-benefiċjarji rurali dwar il-fondi Ewropej rilevanti, fis-6 ta' Frar 2024 il-Kummissjoni Ewropea ħarġet sett ta' għodod dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għaż-żoni rurali. Dan jiċċentralizza l-informazzjoni f'post wieħed aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali, għall-partijiet ikkonċernati, għall-mexxejja tal-proġetti u għall-awtoritajiet maniġerjali, u se jgħinhom jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet ġodda offruti mill-baġit tal-UE għall-2021–2027.

## 3.4. Viżjoni li tħares 'il quddiem implimentata permezz ta' strateġija/pjan ta' azzjoni olistiku

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żoni rurali, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet irid ikollhom viżjoni ċara li tiggwida d-direzzjoni li għandha tiġi segwita fuq perjodu ta' żmien twil. Il-komunitajiet rurali u dawk li qed ifittxu li jinvestu, imorru jgħixu jew jaħdmu f'żoni rurali, speċjalment iż-żgħażagħ, jeħtieġ li jkunu jafu li l-appoġġ politiku se jibqa' disponibbli għal ħafna snin. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ kunsens wiesa' fost il-gruppi politiċi u s-soċjetà ċivili (inklużi kemm l-organizzazzjonijiet rurali kif ukoll dawk urbani), il-bdiewa, l-SMEs, iż-żgħażagħ u diversi atturi ekonomiċi u soċjali; jistgħu jkunu meħtieġa wkoll dispożizzjonijiet effettivi tal-ġestjoni tal-kunflitti. Il-kunsens u l-involviment ta' servizzi ewlenin tal-gvern jagħmluha possibbli li tiġi żgurata l-**kontinwità fit-tul** u li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti — umani, istituzzjonali u finanzjarji — biex il-viżjoni tinbidel f'realtà.

Strateġija multisettorjali olistika hija essenzjali wkoll biex il-viżjoni ssir realtà. Peress li l-politiki rurali jridu jittrattaw sfidi multipli u kumplessi, l-interventi frammentati mhumiex effettivi; it-tentattiv li tiġi indirizzata kwistjoni waħda jew li jiġi appoġġat grupp fil-mira wieħed jista' saħansitra jkun kontroproduttiv. Approċċ olistiku u integrat jgħin biex jitqiesu l-aspetti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-ħajja rurali li f'ħafna każijiet huma interkonnessi (ara l-eżempju minn **Franza**). Patt rurali nazzjonali jew reġjonali jista' jkun l-ewwel pass biex jinġabru flimkien linji ta' politika differenti u tiġi ffaċilitata **perspettiva usa' u aktar integrata** taż-żoni rurali. Dan għandu jissarraf f'**passi prattiċi** li jiffurmaw pjan ta' azzjoni koerenti, li jindika b'mod ċar min huwa responsabbli għal xiex u kif il-progress jista' jiġi mmonitorjat u evalwat.

### Il-Programm France Ruralités



Filwaqt li jibni fuq l-implimentazzjoni tal-ewwel aġenda rurali nazzjonali tiegħu, fl-2023 il-gvern Franċiż nieda programm komprensiv biex jagħti spinta liż-żoni rurali. Dan għandu erba' pilastri: appoġġ tekniku għal proġetti ta' investiment għall-muniċipalitajiet, żieda fil-finanzjament għall-bijodiversità biex jittejbu l-assi ambjentali rurali, soluzzjonijiet prattiċi għall-ħajja ta' kuljum (mobbiltà, edukazzjoni, saħħa, kultura, akkomodazzjoni, eċċ.), u sistema ġdida għat-tfassil ta' żoni ta' għoti ta' ħajja mill-ġdid liż-żoni rurali, li jibbenefikaw minn ħelsien mit-taxxa. Element importanti tal-programm huwa l-promozzjoni ta' "postijiet terzi" biex titrawwem l-innovazzjoni kollettiva.

Il-programm tnieda b'mod konġunt mill-Prim Ministru, il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali, u l-Viċi Ministru inkarigat mill-awtoritajiet lokali u l-affarijiet rurali. Ir-riżultati se jiġu mmonitorjati permezz ta' indikaturi bħall-perċentwal ta' djar rurali vojta, l-għadd ta' negozji rurali ġodda u l-perċentwal ta' ċittadini li jqisu ż-żoni rurali bħala post tajjeb biex jgħixu.

Ara aktar informazzjoni hawn (bil-Franċiż).

## 3.5. Verifika rurali effettiva u sistemi adegwati ta' *data*

Peress li ż-żoni rurali huma affettwati minn għadd kbir ta' deċiżjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi, huwa meħtieġ mekkaniżmu biex jiġu massimizzati l-impatti pożittivi u limitati. Il-verifika rurali hija mekkaniżmu li jidentifika u jivvaluta l-impatti ta' regolamenti, pjanijiet jew programmi ġodda fuq iż-żoni rurali. Sabiex tirnexxi, trid tiġi integrata fis-**sistema ta' governanza** kollha u mfassla għall-istruttura amministrattiva speċifika ta' pajjiż/reġjun. Fir-**Renju Unit**, skont ir-Rapport dwar il-Verifika Rurali tal-2020, kull dipartiment tal-gvern għandu kap deżinjat għall-verifika rurali li r-rwol tiegħu huwa li jippromwovi l-verifika rurali fil-qasam tal-politika tiegħu. Il-gvern fassal ukoll gwida prattika dwar il-kunsiderazzjoni tal-eżiti tal-politika fiż-żoni rurali. Fil-**Finlandja**, il-verifika rurali hija integrata fil-gwida tal-Ministeru għall-Ġustizzja dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi tal-gvern u hija akkumpanjata minn metodi ta' valutazzjoni faċli biex jintużaw kif ukoll taħriġ u **sensibilizzazzjoni tal-leġiżlaturi**. Il-grupp tematiku ENRD dwar il-verifika rurali ħejja qafas analitiku u rakkomandazzjonijiet għall-verifika rurali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

Biex jiġi vvalutat l-impatt tad-deċiżjonijiet fuq iż-żoni rurali, u biex jitkejjel il-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-istrateġiji, l-aċċess għal ***data* ta' kwalità għolja** huwa essenzjali. Ir-reġjun Spanjol tal-Katalonja jippubblika ktieb biennali komprensiv bi statistika dettaljata dwar iż-żoni rurali tiegħu. Din id-*data* tintuża mill-kumitat ta' tmexxija tal-viżjoni rurali reġjonali biex jimmonitorja proposti leġiżlattivi ġodda u jivvaluta l-impatti fiż-żoni rurali. Fl-Ungerija, is-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar l-Iżvilupp Reġjonali u l-Ġestjoni tat-Territorju (www.teir.hu) tintegra d-*data* rurali minn diversi sorsi ma' modulu ta' LEADER iddedikat li jipprovdi *data* lil GAL u lill-muniċipalitajiet. It-teħid ta' deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza dwar kwistjonijiet rurali jista' jiġi appoġġat ukoll mill-Osservatorju Rurali, li tnieda f'Diċembru 2022 mill-Kummissjoni Ewropea biex jiċċentralizza, janalizza u jxerred *data* relatata maż-żoni rurali tal-UE.

## 3.6. Sistemi ta' governanza xierqa biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni

Minħabba l-importanza tal-involviment ta' ħafna atturi ta' politika differenti fl-iżvilupp rurali, huwa essenzjali li tiġi stabbilita sistema li tiffaċilita l-koordinazzjoni, kemm **orizzontali** (eż. bejn ministeri settorjali differenti) kif ukoll **vertikali** (bejn livelli ta' governanza differenti: nazzjonali, reġjonali, subreġjonali u lokali). Tali koordinazzjoni għandha tgħin biex jiġu evitati d-duplikazzjoni tal-isforzi jew azzjonijiet kontradittorji u jinħolqu sinerġiji. Mudell ta' governanza f'diversi livelli għandu jinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lin-negozji u lis-sħab soċjali. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi u inċentivi biex jiġi żgurat li s-servizzi u l-livelli amministrattivi differenti jikkomunikaw ma' xulxin regolarment, u li l-kooperazzjoni ma tkunx limitata għall-iskambju ta' informazzjoni, iżda tiffaċilita diskussjoni parteċipattiva miftuħa u l-ippjanar ta' attivitajiet konġunti.

Laqgħat regolari tal-membri tal-persunal responsabbli għal għodod ta' politika differenti jistgħu jkunu utli, idealment f'ambjent informali, biex jinbnew **fiduċja u fehim komuni** tal-isfidi u l-objettivi. Linji ċari ta' responsabbiltà għal kompiti speċifiċi u leġittimità qawwija tal-korp inkarigat mill-koordinazzjoni huma importanti ħafna wkoll, kif muri mill-eżempju **Spanjol**. Xi Stati Membri għandhom Kunsilli tal-Politika dwar l-Ikel li jistgħu jservu bħala mudell ta' ispirazzjoni għal pjattaformi ta' diversi partijiet ikkonċernati.

### Il-ġlieda kontra d-depopolazzjoni rurali f'Kastilja-La Mancha

Fl-2021, ir-reġjun Spanjol ta' Kastilja-La Mancha għadda liġi speċjali dwar il-miżuri ekonomiċi, soċjali u fiskali biex tiġi miġġielda d-depopolazzjoni u jiġu żviluppati ż-żoni rurali. It-tmexxija b'saħħitha mill-Viċi President reġjonali, bl-appoġġ ta' kummissarju ddedikat għall-isfida demografika, kienet kruċjali għall-mobilizzazzjoni u l-involviment tad-dipartimenti kollha tal-gvern reġjonali (bħall-agrikoltura, l-edukazzjoni, is-saħħa u t-trasport) fl-iżvilupp tal-liġi u fl-implimentazzjoni ta' strateġija reġjonali biex din issir realtà.

Din l-istrateġija tkopri firxa wiesgħa ta' azzjonijiet u timmobilizza EUR 3 322 miljun minn fondi reġjonali, nazzjonali u tal-UE, inkluż in-NextGenerationEU. Biex jikkoordina l-istrateġija, inħoloq il-Kunsill Reġjonali għall-Iżvilupp tal-Ambjent Rurali u l-Ġlieda kontra d-Depopolazzjoni bl-involviment ta' rappreżentanti mid-dipartimenti tal-gvern reġjonali kollha, mill-kunsilli provinċjali u mill-korpi lokali, kif ukoll minn atturi soċjoekonomiċi ewlenin (eż. it-trade unions, in-negozji, l-universitajiet u s-soċjetà ċivili).

Għal aktar informazzjoni ara hawn.



© Albert Puigvert

*L-indirizzar tal-isfidi rurali jimplika l-iżvilupp ta' **politiki trasversali li jinvolvu l-livelli kollha tal-gvern**. Fil-Katalonja, il-Patt Rurali kien ir-riżultat ta' proċess parteċipattiv, u l-governanza tiegħu tinvolvi lis-soċjetà ċivili, il-gvern u l-parlament.*

*Albert Puigvert, l-Assoċjazzjoni ta' Inizjattivi Rurali fil-Katalonja (ES)*

## 3.7. Mekkaniżmi biex tiġi kkoordinata l-allokazzjoni tal-finanzjament u jiġu żgurati s-sinerġiji

Minbarra l-koordinazzjoni tajba bejn korpi differenti, l-appoġġ effettiv għaż-żoni rurali jeħtieġ li **jintrabtu sorsi differenti ta' finanzjament** — Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali — biex jiġi żgurat li d-diversi strumenti kkombinati jkunu biżżejjed biex jindirizzaw il-ħtiġijiet rurali u adattati għar-realtà tal-benefiċjarji fil-mira (proġetti fuq skala żgħira, kapaċità amministrattiva limitata, eċċ.). Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FSE) huma s-sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE għall-bidla rurali, iżda diversi fondi oħra (fondi ta' reżiljenza u rkupru) u programmi (eż. Erasmus, LIFE) jista' jkollhom rwol. Dawn il-flussi ta' finanzjament jistgħu jiġu **kkombinati** wkoll permezz ta' approċċi ta' bosta fondi biex jinħolqu saħħansitra aktar opportunitajiet għal azzjoni fil-prattika, kif inhu l-każ fiċ-**Ċekja**. L-awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali u reġjonali jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-partijiet ikkonċernati rurali billi jistabbilixxu flussi ta' finanzjament iddedikati **mmirati lejn iż-żoni rurali** u jfasslu regoli sempliċi u faċli għall-utent għall-applikazzjoni, l-eliġibbiltà u r-rapportar fost il-fondi differenti. Dan sar, pereżempju, mill-**Iżvezja** fil-perjodu 2014–2020, bil-finanzjament għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità kollu għaż-żoni rurali jiġi minn erba' fondi tal-UE (FAEŻR, FEŻR, FSE u FEMS) ġestiti minn awtorità unika u implimentati permezz ta' sett armonizzat ta' regoli.

Soluzzjoni oħra hija punt uniku ta' servizz biex jiġu appoġġati l-muniċipalitajiet rurali, in-negozji u l-NGOs fl-aċċess għall-finanzjament pubbliku, stabbilit fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. F'xi Stati Membri (pereżempju, fir-reġjun tat-Tirol fl-**Awstrija**) dan ir-rwol huwa moqdi mill-GAL ta' LEADER.

### Il-Kunċett tal-Iżvilupp Rurali fiċ-Ċekja

Iċ-Ċekja għaqqdet fondi differenti tal-UE għaż-żoni rurali fl-2014–2020: il-178 GAL rurali tagħha koprew kważi ż-żoni rurali kollha tal-pajjiż, u użaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-FAEŻR, bl-akbar sehem mill-finanzjament jiġi mill-FEŻR. Abbażi ta' din l-esperjenza, iċ-Ċekja fasslet il-Kunċett tal-Iżvilupp Rurali tagħha fl-2020 taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali, li jgħaqqad varjetà ta' sorsi ta' finanzjament permezz ta' strumenti territorjali u strateġiji SMART.

Matul il-presidenza Ċeka tal-UE, ingħata bidu għall-**Patt Rurali Ċek**. Dan ilaqqa' flimkien liċ-ċittadini, lill-awtoritajiet lokali u lil sħab oħra biex jippromwovu l-iżvilupp rurali hemmhekk.

Għal aktar informazzjoni ara hawn u hawn.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024
© L-Unjoni Ewropea, 2024. CC-BY 4.0
Ritratt tal-qoxra: © Monkey Business Images, Canva.com
Dan il-programm huwa implimentat permezz ta':
aeidl

| | | | |
|---|---|---|---|
| PRINT | ISBN 978-92-68-13014-8 | doi:10.2762/85609 | KF-09-24-088-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-12986-9 | doi:10.2762/901873 | KF-09-24-088-MT-N |

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
RURAL PACT